TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 305

Kaz Nru. 422

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Joseph Borg Bartolo
u
Corinthia Group of Companies
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 28 ta' April, 1988

Chairman: Major S.J.A. Clews MBIM, MIPM

## 1. INTRODUZZJONI

a) Fil-5 ta' Frar, 1988 dan it-Tribunal ta Decizzjoni Preliminari fil-kwistjoni tax-xoghol fuq imsemmija, wara li nzammew tmien seduti f'dan l-ewwel stadju tal-kaz.

b) Fid-decizjoni Preliminari it-Tribunal qal illi l-Kumpanija Corinthia Group of Companies ma mxietx skond il-Paragrafu 25(2) u (2A) tal-Conditions of Employment (Regulations) Act 1952 u ghalhekk it-tkeccija tal-Appellant kienet "unfair redundancy" u mhux skond il-Ligi. It-Tribunal accetta t-talba tal-Appellant li hu jigi moghti l-opportunita biex igib aktar provi quddiem l-istess Tribunal, biex isahhah l-allegazzjoni tieghu ta' tkeccija ngusta. Fl-istess hin il-Kumpanija kellha l-opportunita biex tirribatti din l-allegazzjoni.

c) Ghalhekk it-Tribunal zamm zewg seduti ohra biex wasal ghal decizzjoni finali u dan li gej ghandu jinqara wara dak kollu li gie miktub fid-Decizzjoni Preliminari tal-5 ta' Frar, 1988.

## 2. XHIEDA

Biex isahhah l-allegazzjoni tieghu ta' tkeccija ingusta gew prodotti dawn ix-xhieda mill-Appellant u gew kontro-ezaminati mill-raprezentant tal-Kumpanija:-

| | | | |
|---|---|---|---|
| i) | Is-Sur Adrian Sammut | - | Asst. Food & Beverage Mang. |
| ii) | Is-Sur Joe Fenech | - | Financial Controller |
| iii) | Is-Sur Norbert Crockford | - | ex. Senior Group Executive |
| iv) | Is-Sur Stuart Craig | - | Awditur |
| v) | Is-Sur Joseph Borg Bartolo | - | L-Appellant innifsu |

Il-Kumpanija ma kellha l-ebda xhieda.

## 3. SOTTOMISSJONIJIET FINALI:

A. (i) L-Appellant Joseph Borg Bartolo ssottometta li wara d-Decizjoni Preliminari fuq "Redundancy", it-Tribunal ikkonferma dak kollu li kien allegat mill-Appellant immedjatament wara t-tkeccija tieghu mill-impieg. Issa, una volta li dawn ma baqghux biss allegazzjonijiet, ghax gew ipprovati minn din in-naha u accettati mit-Tribunal, x'aktar izjed minn hekk wiehed irid jipprova biex jiehu konferma ta' tkeccija ngusta.

(ii) Filwaqt li id-Decizjoni Preliminari tat l-opportunita' lil din in-naha biex nghaddu ghat-tieni stadju tat-Tribunal, il-konsiderazzjonijiet imsemmija gia huma konferma ta' kemm verament it-tkeccija tal-Appellant kienet wahda ngusta. Dan inhossu ma setghax ma jigix osservat mit-Tribunal, ghax min-naha taghna, kemm fis-seduti, kif ukoll fin-nota, kontinwament ghamilna referenza ghal bosta fatti li ndikaw b'mod l-aktar car kemm il-Principal agixxa skorrettament. Dawn l-istess fatti kkonfermaw ukoll li l-Appellant Joe Borg Bartolo ma kellu qatt jigi dikjarat "redundant". Biex nevitaw repetizzjoni dwar dawn il-fatti, li dwarhom hemm ix-xhieda kollha li nstemghet fl-ewwel stadju, kif ukoll in-nota taghna tad-9 ta' Dicembru, 1987, nitolbu bir-rispett li dan il-Tribunal jinnota li mill-parti kollha tan-nota wara l-introduzzjoni, cioe' minn 2.1 il-quddiem, xejn

minn dawn ma gie pprovat kontrarjament, jew ghal anqas "challenged", u ghaldaqstant ghandu jerga jiehu konsiderazzjoni taghhom mill-gdid, qabel jasal ghad-decizjoni finali tieghu, ta' jekk kienetx tkeccija ngusta jew le. Fil-verita' kif qatt jista wiehed jimmagina sitwazzjoni fejn tkeccija tigi kkonfermata bhala'"unfair redundancy" u mhux skond il-Ligi', imbaghad it-tkeccija partikolari ma tkunx meqjusa ngusta. Ghaldaqstant nixtieqa naghmlu taghna wkoll il-Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal fuq "Redundancy", ghax dawn flimkien mal-fatturi kollha migjuba min naha taghna huma altru milli bizzejjed biex jikkonfermaw l-allegazzjoni taghna ta' tkeccija ngusta.

(iii) Irid isir accenn pero' ghal fatt importanti ferm li kif tajjeb gia osserva t-Tribunal, "ma kienx hemm ebda provi konklusivi mill-Kumpanija biex tipprova li l-Appellant ma kienx accettabbli biex ikompli fil-kariga li kellu bhala Cost Controller", u dan langas ma gie pprovat fit-tieni stadju. Ma ghandna l-ebda dubju li l-Appellant intbaghat jaghmel xoghol ta' Chief Security/Stores/Purchasing ghax dan kien post gia abolit minn qabel Mejju 1984, u kien ikun facli li dan il-post jinqabad fi ftehim ta' "Redundancy", kif fil-fatt gara, u b'hekk ghal xi raguni li baqghet misteru, jehilsu mill-Appellant, kif fil-fatt ghamlu. Fl-ahhar seduta, l-unika wahda fit-tieni stadju, ghalhekk rajna li nillimitawha biss biex dan it-Tribunal ikollu stampa cara tal-posizzjoni ekonomika tal-Principal u tal-telfien finanzjarju tal-Appellant. Il-kompitu taghna kien pero' xi ftit difficli minhabba l-fatt, konfermat minn tlett xhieda, li matul l-ahhar parti tal-1987, meta dan it-Tribunal kien fl-aktar fazi kruccjali tieghu, membri tal-Management inghataw gurament biex ma jisvelawx affarijiet konfidenzjali tal-Group. Propju tnejn minn dawk milqutа kienu zewg xhieda li harrikna ahna ghal din is-seduta. Is-Sur Joe Fenech, "Financial Controller Corinthia Group" kien l-ewwel li kkonferma "il-gurament" imsemmi, u stqarr li ttiehed f' "The second part of 1987, the second half of 1987". Is-Sur Norbert Crockford, ex-"Senior Group Executive" li rrizenja f'Dicembru 1987, wara kwazi ghaxar snin, kif ukoll

l-Appellant Joe Borg Bartolo stess, it-tnejn ikkonfermaw dan il-gurament. Fil-fatt is-Sinjuri Fenech u Crockford kienu t-tnejn gew mitluba jiehduh. Minkejja dan it-tfixkil pero' xorta wahda hareg car bizzejjed li tant hemm "spread" fin-negozju tal-Corinthia Group of Companies li hega ipatti ghal ohra u fil-verita' il-Corinthia Group of Companies baqghu jaghmlu l-profitti kif jindikaw l-Accounts tal-Corinthia Palace Hotel Co. Ltd.

(iv) Ix-xhieda ta' l-Appellant Joe Borg Bartolo fl-ahhar seduta wriet it-telfien finanzjarju konsiderevoli li sofra matul l-impieg tieghu mal-Corinthia, li ser jibqa jeffettwah anke fil-pensjoni meta jilhaq l-eta' ta' 61 fit-30 ta' Jannar 1939. Rajna kif il-Corinthia Group of Companies ittrattat hazin ma' l-Appellant mhux biss meta minn Cost Controller [illegible] ghal Chief Security/Stores/Purchasing, izda sa minn hafna qabel. Meta mil-Luzzu Restaurant, fejn kien Manager fl-1977 kien intbaghat lura biex jahdem fil-Corinthia Hotel kienu naqqsulu Lm35 (min Lm200 ghal Lm165), arbitrarjament u bi ksur tal-Ligi. Dan ma seta qatt isir ghax ma kienx xi trasferiment li talbu hu, u ser jeffettwah Lm26 fix-xahar fil-penzjoni. Fuq kollox dan sar wara li bil-hila tal-Appellant u ghax kien jahdem sittax il-siegha kuljum, mit-Tnejn sal-Hadd, kien irnexxielu jgib is-salarju tieghu jitla minn Lm170 ghal Lm130 u ghal Lm200. Tajjeb li wiehed ifakkar hawnhekk li kien irrizulta mis-seduti ta' qabel illi filwaqt illi mil-1973 'l hawn huma m'inghatax ziediet ghajr dawk ta' l-gholi tal-Hajja mposti mil-Gvern, kien hemm ohrajn illi nghataw ziediet apparti minn dawk li regghu nghataw meta spiccaw mill-impieg l-Appellant. F'dawn is-seduti ta' l-ewwel stadju konna smajna wkoll mill-Appellant stess fix-xhieda guramentata tieghu kif meta' kien Manager tal-Luzzu Restaurant kien gie mitlub ibiddel il-karozza ma' wahda aktar addattata ghal[illegible] Manager, u kien ser jinghata assistenza ta' Lm600. Meta ghamel kif kien mitlub, il-promessa taret mar-rih, u kellu jhallasha bin-nifs, u naturalment wahel l-interessi, li kienu Lm215.

(v) Meta wasal Awissu tal-1985, u gew biex taparsi jofrulu "alternative employment" rajna x'nizerja offrewlu, u poppju fl-

ohhor seduta kellna konferma ta' normalment x'offrew lil hadd iehor, kemm fl-istess zmienijiet, kif ukoll f'dawn iz-zmienijiet. Is-Sur Adrian Sammut xehed li kien mar "il-Libya bhala Assistant Cost Controller", wara li kien ghamel xi zmien il-Mistra Village bhala "wine butler". Ix-xhud l-ewwel qal "Mitejn Dinar kelli", imbaghad meta kien ippressat aktar stqarr: "Jekk niftakar ezatt, issa I could not remember exactly kemm kienu. Two hundred and twenty-five Dinars kelli, li kienu jigu xi three-fifty Maltin". Biex aktar johrog car kemm kien hazin it-trattament ma' Joe Borg Bartolo, esibejna Avviz tal-Corinthia Group of Companies li deher f' "The Times" ta' 23/1/83. Dan kien jirreklama post ta' Male Senior Accounts Clerk fil-Libya li ghalih offrew salarju minimu u nett ta' LM4,500 fis-sena, li jigu Lm375 fix-xahar. Barra min hekk o/f frew ukoll bonus annwali, 92 gurnata leave bi hlas hawn Malta fis-sena, 6 biljetti tal-ajru ghal Malta, u akkomodazzjoni w ikel b'xejn waqt li jkun fuq xoghol il-Libya. Avviz iehor, esebit ukoll, kien ghal Personnel Clerk u Cooks, min "The Times" ta' 9/11/37, li kien jindika l-istess beneficji, h/e lif li l-paga kienet ta' Lm312 fix-xahar. Dan ghamilnih biex inkomplu nenfasizzaw u fl-istess waqt nikkonfermaw kemm il-kondizzjonijiet normalment offruti ghal xoghol fil-Libya, huma ferm aktar attraenti minn kif offrewhom lil Joe Borg Bartolo, li sammewlu biss il-paga li kien ser ikollu, ta' mitejn lira Maltin (Lm200). Meta mbaghad fil-final tal-ahhar seduta r-rapprezentant tal-Pri/n cipal ipprova jaghti l-impressjoni li l-paga o/f ffruta kienet ahjar minn hekk l-Appellant cahad bl-aktar mod kategoriku u qal "Le, le, no sir. Le Mr. Chairman, two-hundred pounds Maltese money we were talking about".

(vi) Fid-dawl ta' dak kollu li hareg mis-sottomissjonijiet Preliminari tal-partijiet f'din il-kwistjoni, fin-nota li waslet ghad-Decizjoni Preliminari (dwar "Redundancy"), kif ukoll waqt it-trattazzjoni tal-kaz fiz-zewg stadji tieghu, u wara li tinghata konsiderazzjoni wkoll ghal dawn is-Sottomissjonijiet Finali, nitolbu bis-rispett li dan it-Tribunal isib favur l-Appellant u kontra l-Principal, Corinthia Group of

Companies, u jordna li l-Corinthia Palace Hotel Co. Ltd. thallas id-danni kollha li sofra u qieghed jitlob l-Appellant.

Fl-ahhar nett, it-talba Mr. Chairman tibqa dik li kienet, izda qed tigi sostanzjata fid-dettal:-

a) illi s-Sur Joe Borg Bartolo jinghata kumpens shih tal-flejjes li tilef mill-gurnata tat-terminazzjoni sa meta jinghata l-Award;

b) illi l-Principal ihallas kull "bonus" li s-Sur Borg Bartolo kien jiehu bi dritt li kieku l-impieg tieghu ma giex terminat;

c) illi l-Principal **ikun tenut b'obligu** li fi zmien determinat minn dan it-Tribunal, joghti somma ta' flus li fil-gudizju ta' dan it-Tribunal ikun xieraq u gust illi ghandu jircievi l-Appellant, bhala kumpens ghad-danni materjali, mormali u psikologici, kemm il-darba jigi deciz li t-terminazzjoni ma kienetx gusta.

It-Talba totali kienet ta' Lm12,728.00,0.

<u>B. Il-Kumpanija, Corinthia Group of Companies</u>, issottomettiet

(i) Illi dwan is-Sottomissjonijiet Finali qeghdin isiru minghajr ebda pregudizzju ghat-tezi tal-Kumpanija li dawn il-proceduri huma nulli u minghajr ebda effetti fil-Ligi, u dan ghar-ragunijiet li diga gew sollevati quddiem dan it-Tribunal. Fuq dan il-punt il-Kumpanija tirrisserva d-drittijiet taghha kollha ghall-istadju opportun.

(ii) Illi subordinatament ghal-fuq premess, mix-xhiedha kollha li nstemghu quddiem dan it-Tribunal l-Appellant Borg Bartolo ma gab anqas l-icken prova li l-impieg tieghu kien gie terminat ghal xi raguni ngusta skond il-Ligi, u ghalhekk seta jkollu xi dritt li jirrikorri quddiem dan it-Tribunal.

(iii) Illi ghall-kuntrarju irrizulta bl-aktar mod car li l-impieg tal-Appellant Borg Bartolo mal-Corinthia Palace Hotel Company Limited spicca ghar-raguni ta' redundancy skond il-ftehim milhuq bejn il-Kumpanija u l-General Workers' Union, liema ftehim kellu ukoll l-approvazzjoni mehtiega skond il-ligi dak iz-zmien tad-Direttur tax-Xoghol.

(iv) Illi tajjeb li wiehed jaghmel enfasi fuq il-fatti li l-Appellant ma ressaq l-ebda prova sabiex jattaka l-validita tal-ftehim fuq imsemmi.

(v) Illi minflok, l-Appellant Borg Bartolo inhela fuq incidenti li mghandhom x'jaqsmu xejn mal-kaz prezenti, jew semma hwejjeg li graw hafna snin ilu li huma bl-ebda mod rilevanti ghall-kaz tal-lum.

(vi) Illi fost hwejjeg ohra l-Appellant Borg Bartolo semma incident meta gie trasferit min Kumpanija ghal -ohra b'tibdil fil-paga. Tajjeb li wiehed isemmi li dak li sar kien kollu regolari u skond il-Ligi. Jekk ghall-grazzja tal-argument l-Appellant Borg Bartolo kellu jressaq xi lment dwar dan il-fatt dan seta jaghmlu biss fi zmien sena mill-incident, ghaliex wara sena tapplika l-preskrizzjoni u allura ma jkunx jista jqajjem aktar dan il-punt.

(vii) Illi wiehed qieghed issemmi dan il-punt ghaliex l-Appellant Borg Bartolo jidher li ghamel hafna enfasi fuq dan l-incident li gara xi ghaxar snin ilu. Dan kollu juri kemm ma kellu xejn x'jghid dwar kif spicca mill-impieg izda pprova jirrikorri ghall-fatti ghall-kollox estranei sabiex ihawwad il-kaz.

(viii) Illi bhal-dan l-incident huma diversi ohra li wiehed mghandux ghalfejn joqghod isemmi jew jirribatti ghaliex fil-verita' mghandhom l-ebda effett fuq il-kaz presenti.

Ghaldaqstant il-Kumpanija tissottometti bir-rispett li l-impieg tal-Appellant Borg Bartolo kien gie terminat "on grounds of redundancy" skond il-ftehim bejn il-Kumpanija u l-Union, u li

ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jaghti l-Award tieghu f'dan is-sens.

## 4. KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

Wara id-Decizjoni Preliminari, it-Tribunal sema u studja dak kollu li qalu l-ahhar erba' xhieda bil-gurament. Studja wkoll is-Sottomissjonijiet Finali u josserva kif gej:-

(i) It-Tribunal, fid-decizjoni preliminari taghha, iddecieda illi t-tkeccija tal-Appellant kienet "unfair redundancy"; u biex iggib aktar provi li t-tkeccija tieghu kienet ingusta, s-Sur Borg Bartolo insista illi fil-waqt li l-Corinthia Hotel, fejn is-sur Borg Bartolo kien jahdem, ma kinitx sejra tajba finanzjarjament, kumpaniji ohra ta' l-istess Grupp kienu sejrin tajba, u ghalhekk, il-Grupp kien f'posizjoni li joffrielhu xoghol alternattiv adequat u mhux iz-zewg postijiet li fil-fatt offrewlhu b'konsegwenza ta' nuqqas kbir fis-salarju li ghamlitha impossibli ghalih li jaccethom (ix-xoghol li offrewlu).

(ii) L-Appellant ghamel enfasi fl-ahhar seduta fuq l-evidenza tas-sur Adrian Sammut, li gie offrut xoghol mal-grupp fil-Libya bhala Assistant Cost Controller. Is-sur Sammut qal li kien jahdem il-Libya b'salarju ta' 225 Libyan Dinari fix-xahar - dak iz-zmien eqwivalenti ghal bejn wiehed u iehor ta' Lm350 (tlett mija u hamsin lira Maltin).

(iii) Wiehed ghandu jghid li waqt is-seduti preliminari l-Appellant kien qal li kien offrut xoghol simili il-Libya qabel ma tkecca b'salarju ta' Lm 200 (mitejn Lira Maltin) fix-xahar. Ghalkemm il-Kumpanija qalet li l-flus li offriet kienu fi flus Dinari u mhux fi flus Maltin, ir-rappresentanti tal-Kumpanija ma gibux provi biex issahhu dan u fil-fatt l-inkonsistenza tal-Kumpanija fuq dan il-punt importanti hafna kien innotat mit-Tribunal.

(iv) Terga', l-Appellant ipproduca evidenza fejn kien hemm avviz fil-gurnali kmieni din is-sena (1988) ghal Male Senior

Accounts Clerk fl-Libya mal-Corinthia Group b'salarju ta' Lm375 fix-xahar, dan biex juri kemm fil-fatt l-offerta li ghamlulhu fl-1986 kienet mizera.

(v) Minn naha taghhom il-Kumpanija ma gibitx iktar xhieda u kompliet tinsisti, fis-Sottomissjonijiet Finali taghha, illi s-Sur Borg Bartolo kellu l-impieg tieghu terminat imhabba "Redundancy", wara li kien hemm ftehim bejn il-Kumpanija u l-GWU u li dan il-ftehim kellu l-approvazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol, u b'hekk sar kollox 'skond il-Ligi'.

(vi) It-Tribunal jista' biss jirrepeti dak li kien intqal fid-Decizjoni Preliminari taghha - paragrafu 10(ii) cioe': "... illi d-differenza bejn 'Redundancy' en masse u dik allegata ta' persuna individwali, ma tiddependix biss fuq id-differenza (nuqqas) numerika, izda billi jigi imqabbel il-mod tat-tkeccija f'kull tip ta' kaz u tip ta' xoghol, u b'hekk tista tigi applikata skond il-kaz, sew individwalment kif ukoll kolletivament."

(vii) L-Appellant, waqt li talab kumpens ghat-tkeccija ngusta, qajjem il-punt illi fis-sena 1978 is-sur Borg Bartolo kien imwieghed ghajnuna biex jixtri kar-ozza, izda pero' dak li lilu twieghed ma tawhielu qatt. L-istess, s-sur Borg Bartolo kien qal li sofra nuqqas fis-salarju f'dik is-sena li affettwatlu s-salarju meta gie mkecci. It-Tribunal jixtieq jaghmilha cara illi dan m'huwiex fil-gurisdizzjoni taghha biex tikkonsidera dawn il-fatturi, li kienu graw kwazi ghaxar snin qabel ma gie mkecci.

(viii) L-Appellant, fis-Sottomissjonijiet Finali tieghu semma fid-dettal il-hlas li hi dovuta lilu li jammontaw ghal total ta' Lm12,728, liema somma tinkludi hlas ghal pariri li kellu jiehu, kif ukoll nuqqas iehor ta' hlas li sofra (paragrafu vii).

(ix) Is-sur Borg Bartolo kien imkecci meta kellu salarju ta' Lm234.75,0 fix-xahar, u li dak iz-zmien kellu 58 sena u 7 xhur, hekk kien fadallu sentejn u 5 xhur servizz qabel jirtira.

(x) Dan ifisser illi l-Appellant kien ikun dahhal ftit aktar minn Lm6800 waqt iz-zmien li kien ghad fadallu, minghajr ma wiehed jiehu inkonsiderazzjoni xi zidiet li seta ha fis-salarju li kieku baqa' fl-impieg, kif ukoll il-Bonus ta' kull sena li jammontaw ghal Lm116 fis-sena.

(xi) L-Appellant gibed l-attenzjoni illi wara li tkecca, dak li ha postu rcieva zieda ta' Lml.21,0 fil-gimgha iktar milli kien jiehu s-Sur Borg Bartolo. L-Appellant ippretenda dan l-ammont ukoll ghax qal li kieku baqa' fl-impieg din iz-zieda kien jehodha (ara paragrafu 9(x) tad- Decizjoni Preliminari).

(xii) It-Tribunal innota illi mhabba l-eta' tieghu s-Sur Borg Bartolo ma sabx aktar xoghol u issa, fiz-zmien tal-Award, fadallu xi tmien xhur biss qabel jirtira bil-pensjoni.

(xiii) Ghalhekk il-pensjoni ta' l-Appellant tkun affetwata kuntrarjament minhabba nuqqas ta' xoghol waqt dan iz-zmien hekk kritiku u talab kumpens fuq dan il-punt ukoll.

5. <u>DECIZJONI U AWARD</u>

(i) Wara li ha inkonsiderazzjoni l-aspetti kollha ta' dan il-kaz it-Tribunal issib favur l-Appellant Joseph Borg Bartolo u kontra l-Kumpanija Corinthia Group of Comapnies illi l-Appellant kien imkecci ngustament u mhux skond il-Ligi.

(ii) Ghalhekk il-Kumpanija ghandha thallas l-ammont ta' Lm7500 (sebat elef u hames mitt lira Maltin) bhala kumpens, li pero' din is-somma titnaqqas l-ammont ta' Lm234.75,0 li l-Kumpanija kienet hallset lis-sur Borg Bartolo wara li terminatlu l-impieg bhala "one month's handshake".

(a) Is-somma ta' Lm4000 (erbat elef lira Maltin) trid tithallas fi zmien xahar mid-data ta' ~~s-sentenza~~ l-Award;

(b) Il-bilanc ta' Lm3265.25,0 (tlett elef, mitejn u hamsa u sittin lira u hamsa u ghoxrin centezmu) ghandu jithallas sa l-ahhar ta' Lulju, 1988.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

STANLEY J.A. CLEWS
CHAIRMAN

CHARLES CHETCUTI
SEGRETARJU

/ms